# Ridt intir bil-ferħ! Qatt ma bsart li …

Ridt intir bil-ferħ! Qatt ma bsart li ommi kienet se tagħtini qattus daqshekk sabiħ għal għeluq snini.

Kien is-Sibt fil-għodu, u ommi kienet imħabbta ħafna biex tipprepara għall-festin li kienet se tagħmilli wara nofsinhar. Għal ħabta tal-ħamsa bdew ġejjin qrabati u sħabi tal-klassi u kollha kienu qed iġorru magħhom ħafna rigali. Wara li kilna, kien wasal il-ħin biex naqsam il-kejk u niftaħ ir-rigali. Dan il-kejk kinet għamlitu ommi fuq riċetta li tatha zijitha. Bdejt niftaħ ir-rigali, fosthom ħafna kotba sbieħ u xi affarijiet oħra li kont niġi bżonnhom 'il quddiem. Fl-aħħar kien imiss li niftaħ ir-rigal ta' ommi. Qatt ma kont nistenna dak ir-rigal! Ir-rigal ta' ommi kien qattus minn kull lewn, u l-papà kien xtrali l-ikel u dak kollu li kien ikolli bżonn biex inrabbih. Jien kont fis-seba' sema u ridt intir bil-ferħ x'ħin rajtu daqshekk gustuż u ħelu!

Ilkoll ħadna pjaċir nilagħbu miegħu. Jien iddeċidejt li nsemmih 'Tom' għax meta kont żgħira kont nara dak il-*cartoon* u kont wegħedt lili nnifsi li l-ewwel qattus li jkolli nsemmih hekk. Kien wasal il-ħin biex ħbiebi kollha jmorru, u jien irringrazzjajthom talli ġew u għedtilhom li nerġgħu niltaqgħu l-iskola u li ngħidilhom b'aħbar *Tom*. Wara li ġbarna kollox, mort nilgħab ftit mal-qattus tiegħi u tgħidx kemm ħadt pjaċir noqgħod immellsu. Fl-aħħar mar jorqod fil-kaxxa tiegħu.

Din kienet l-isbaħ ġurnata ta' ħajti għax kienet l-ewwel darba li kelli annimal fid-dar tiegħi. Kien ilni ħafna nixxennaq għal dan l-annimal u fl-aħħar din il-ħolma saret realtà.